

31994D0557

17.8.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 212/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-17 ta' Ġunju 1994****li tawtorizza l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika biex jiffirmaw u jikkonkludu l-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej**

(94/557/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni, ⁽¹⁾

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi l-Komunitajiet Ewropej huma interessati li jipprovdu għall-edukazzjoni konġunta tat-tfal tal-persunal tagħhom fl-Iskejjel Ewropej bħala mezz li jiżgura t-tħaddim xieraq tal-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-iffaċilitar tat-tlestija tal-impenji tagħhom; billi għal dak il-għan, fit-12 ta' April 1957 l-Istati Membri oriġinali ffirmaw il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej;

Billi, fil-31 ta' Mejju 1990, il-Kunsill u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, fil-laqgħa tal-Kunsill, għamlu sejħa biex titfassal Konvenzjoni ġdida dwar l-Iskejjel Ewropej biex tagħti effiċjenza akbar għall-ħidma ta' l-Iskejjel u rikonoxximent akbar għar-rwol fihom mill-Komunità;

Billi l-partiċipazzjoni tal-Komunitajiet fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni msemmija hija meħtieġa biex tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;

⁽¹⁾ ĠU Nru Ċ 93, tat-2.4.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Nru Ċ 128, tad-9.5.1994.

Billi l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika ser jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni billi jeżerċitaw is-setgħat li joħorġu mir-regoli provduti fil-Konvenzjoni u b'dawk l-atti futuri li jistgħu jadottaw skond it-termini tal-Konvenzjoni;

Billi huwa għalhekk meħtieġ għall-Komunitajiet Ewropej li jikkonkludu l-Konvenzjoni msemmija;

Billi l-uniċi setgħat ta' azzjoni disponibbli għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni huma dawk provduti f'Artikolu 235 tat-Trattat, li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u Artikolu 203 tat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej huwa b'dan approvat fisem il-Komunità u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż hawnhekk.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar persuna jew persuni awtorizzati li jiffirmaw il-Konvenzjoni, bl-effett li jorbtu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u li jinnominaw il-persuna awtorizzata li tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni skond Artikolu 33 tal-Konvenzjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-17 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. MIKROUTSIKOS
